P. ĠUŻEPP VELLA OFM

# ARTURO MIFSUD PH.L., B.S.T. (1895–?)

Is-Soċjetà Filarmonika SLIEMA dejjem kellha Presidenti li ħabbewha u għamlulha ġieħ. Kollha ħadmu bil-qalb ħalli s-Soċjetà tagħna timxi 'l quddiem u tikseb popolarità. Illum se nagħti xi tagħrif dwar il-President Arturo Mifsud. Huwa nħatar fis-Seduta Ġenerali li saret nhar it-23 ta' Awissu 1925, wara li temm il-ħatra tiegħu l-Avukat, (wara, Imħallef) Alberto Magri.[1]

Arturo twieled Ħal Tarxien nhar it-2 ta' Ġunju 1895. Missieru kien jismu Emmanuele u ommu Eliżabetta Adami. L-għada li twieled ġie mgħammed fil-knisja parrokkjali mill-Viċi Parroku. Ingħata l-ismijiet ta' Arthur, Giovanni, Edgardo u Francesco. Il-Parrini tiegħu kienu Giovanni Cole u martu Carmela minn Ħal Tarxien.[2] Dwar tfulitu u t-trobbija tiegħu ma għandi l-ebda tagħrif. Nafu fiż-żgur li bħala ġuvni kien joqgħod f'Raħal il-Ġdid.[3] Jidher li ż-żagħżugħ Arturo kellu l-ħajra għall-vokazzjoni reliġjuża. Huwa magħruf li daħal jistudja mal-Patrijiet Karmelitani fil-kunvent ta' l-Imdina. Fl-1916 ġie mibgħut ikompli l-istudji tiegħu fl-Italja. Hemm kiseb il-Liċenzjat fil-Filosofija u l-Baċċelerat fit-Teoloġija. Il-fatti juruna li huwa ma kompliex fil-ħajja li kien qabad.[4]

### Il-Ħidma Pubblika

Lura Malta, Arturo, mill-ewwel daħal jaħdem fid-Dockyard. Wara ftit taż-żmien wera ruħu bħala "Leader" fost sħabu tax-xogħol. Kien fost l-ewwel nies li ħadmu u stinkaw biex titwaqqaf xi forma ta' "Trade Union" għall-ħaddiema tad-Dockyard. Kienet is-sena 1922 meta, huwa, kien strumentali biex twaqqfet il-"Workers Union Branch I" fid-Dockyard. Bejn l-1922 u 1926 kien Segretarju Ġenerali fl-istess Union. Fl-1925 beda jippubblika l-"Workers Union Bullettin" li kien joħroġ darba fix-xahar.[5] Fl-1927 meta l-"Workers Union Branch I" bdiet tmajna, insibuh attiv ħafna bħala Segretarju ta' "The Imperial Government Workers Benefit Society". Huwa ddefenda bil-qawwa kollha l-ħaddiema tad-Dockyard, bil-kitba fil-gazzetti, kontra dawk li kienu kontra t-Trejdjunjoniżmu.

Bħala Segretarju Ġenerali kien midħla sewwa tal-Kbarat Navali li kienu jmexxu t-Tarzna, kif ukoll ta' diversi Ammiralli tal-Flotta Ingliża tal-Mediterran. Arturo Mifsud daħal ukoll fix-xena politika. Huwa ħa sehem fl-ewwel laqgħa li saret biex tiġi mwaqqfa "La Camera del lavoro". F'din il-laqgħa, huwa ġie elett bħala assistent segretarju ġenerali. Wara, dan il-moviment beda jissejjaħ "Il-Partit tal-Ħaddiema".[6] Arturo kkontesta fl-ewwel Elezzjoni Ġenerali, li saret fil-5–6 ta' Ottubru 1921, bħala Kandidat Laburista għall-Ħames Distrett. Fih kien jikkomprendi lil Ħal Tarxien u Raħal il-Ġdid. Huwa kien ġab 287 vot u għalhekk ma kienx ġie elett. Iżda f'April 1922 daħal fil-Parlament wara l-mewt ta' Vincenzo Busuttil.[7]

Fid-9 ta' Jannar 1924 Arturo ingħaqad fis-sagrament taż-żwieġ ma' Enrichetta Ciantar fil-knisja parrokkjali tagħna f'Tas-Sliema. Il-Kappillan kien P. Guido Annati OFM.[8] Mir-Raħal il-Ġdid fejn kien joqgħod issa beda joqgħod Tas-Sliema fid-dar numru 64 Strada San Domenico.[9] F'din l-istess sena fid-9–10 ta' Ġunju reġgħet saret Elezzjoni oħra. Huwa reġa' ħareġ mal-Partit Laburista fil-Ħames Distrett fejn kien trabba u għex. Huwa ġab 261 vot u ma giex elett fil-Parlament.[10] Fl-1925, Arturo, ġie maħtur f'Kummissjoni biex jerġa' jiġi riorganizzat mill-ġdid il-Partit tal-ħaddiema. Fl-Eleezzjoni Ġenerali li saret bejn is-7 u d-9 ta' Awissu 1927 ħareġ Kandidat għat-Tieni Distrett li miegħu kienet tagħmel Tas-Sliema.



Din id-darba kkontesta mal-Partit Nazzjonalista. Huwa ġab 116 vot u għal darb'oħra reġa' ma ġiex elett.[11] Wara din l-elezzjoni Arturo Mifsud ħareġ għal kollox mix-xena Trejdjunjonistika u dik Politika.[12]

### Ħidma fi ħdan is-Soċjetà

Meta Arturo Mifsud iżżewweġ u ġie joqgħod fil-Parroċċa tagħna, huwa, mill-ewwel beda jieħu interess fl-ambjent soċjali ta' madwaru. Sar membru fis-Soċjetà Filarmonika SLIEMA. Tlett ijiem wara li ġie maħtur President, fis-26 ta' Awissu 1925, ippresieda l-ewwel laqgħa tal-Kumitat. F'din il-laqgħa ħatar lil Dr Alberto Magri LL.D. bħala President Onorarju. Imbagħad fit-tieni laqgħa, li saret nhar is-6 ta' Ottubru 1925, ħatar l-ewwel membri onorarji lis-Senatur, is-Sur Alfons M. Galea (li kien ukoll membru fil-kumitat ta' Dun Pawl Vella li bena l-knisja tagħna) u lit-Tabib Raffaele Tabone. Wara, f'seduta oħra tat-2 ta' Novembru saru membri onorarji diversi persuni prominenti li kienu l-istess Prim Ministru, Dr Ugo Mifsud LL.D., il-Markiż G. Scicluna, is-sur

Adams, konslu ta' l-Amerika, u liż-żewġ membri parlamentari l-Onor. Salvu Hammet u l-Onor. Vincenzo Farrugia.[13]

Fis-seduta tal-kumitat, li kienet saret fl-10 ta' Settembru 1925, il-Viċi President l-Onor Salvu Hammet M.L.A. ippropona li jsiru l-festi nazzjonali tat-8 ta' Settembru. Din il-proposta ġiet milqugħa. Il-festi ġew iċċelebrati fis-26 u 27 ta' Settembru. Fis-26 il-Banda SLIEMA għamlet marċ "alla veneziana" u programm fuq iz-zuntier. L-għada, il-Ħadd filgħodu, il-President Arturo Mifsud, flimkien ma' l-Avukat Giovanni Sammut, għamlu konferenza nazzjonali. Wara nofs inhar saret ir-regatta tal-gigs u l-frejgatini fix-Xatt. Filgħaxija, imbagħad, saru żewġ pogrammi (naħseb fix-Xatt) mill-Banda S. Ġorġ ta' Ħal Qormi u ieħor mill-Banda Nazzjonali La Valette.[14]

Meta l-membri u l-Bandisti raw il-President jaħdem b'tant ħerqa għas-suċċess tas-Soċjetà u l-Banda, aktar kibret fihom ix-xewqa li ssir l-uniformi ġdida għall-Banda. Din ix-xewqa nibtet taħt il-President ta' qablu Dr Magri. Issa kien wasal iż-żmien li ssir realtà. B'hekk il-Banda tagħna ma tkunx anqas mill-Baned oħra Maltin. Fil-laqgħa tal-Kumitat tas-6 ta' Ottubru 1925 bdiet tiġi diskussa. Fil-laqgħa Ġenerali li saret fid-19 ta' Ottubru, il-President Arturo, ressaq il-mozzjoni dwar l-uniformi u kif setgħet tiġi mħallsa l-ispiża meħtieġa. Din il-proposta ġiet issekondata mis-segretarju. Ġiet approvata unanimament. Għalhekk, dak il-ħin stess, twaqqfet kummissjoni biex tmexxi x-xogħol kollu kif ukoll il-ġbir tal-flus.[15]

F'inqas minn sena din ix-xewqa twettqet. L-inawgurazzjoni ta' l-uniformi ġiet iffissata għall-Ħadd 11 ta' Lulju 1926. Dak in-nhar saret ukoll il-Konsagrazzjoni tal-Każin lill-Qalb ta' Ġesù. Fil-każin ġiet iċċelebrata Quddiesa mill-Vigarju Ġenerali Mons. Camilleri. Numru sabiħ ta' soċji resqu għat-Tqarbin Imqaddes. Filgħaxija kompla l-programm billi s-Senatur Alfons M. Galea ndirizza lil mistednin preżenti. Fosthom kien hemm Mro Carlo Artz, Aurelio Doncich u ħafna oħrajn. Wara, il-President Arturo rrisponda u rringrazzja s-sur Alfons. L-istess Senatur ippreżenta bakketta lis-surmast tal-Banda Mro Francesco Xuereb. Aktar tard il-Banda Duke of Edinburgh tal-Birgu wasslet lill-Banda SLIEMA sax-Xatt bid-daqq ta' marċi brijjużi. Dak in-nhar il-bandisti tagħna kienu lebsin l-uniformi l-ġdida. Fix-Xatt iż-żewġ baned għamlu programm mużikali mmexxija mis-surmastrijiet tagħhom. Wara, telgħu t-tnejn flimkien lura lejn il-każin idoqqu marci popolari. Fil-każin kien hemm repò kbir u l-President Arturo għamel diskors ta' apprezzament għas-suċċess ta' dan l-avveniment u ppreżenta bakketta lis-surmast Carlo Artz.[16]

Bħal kull dar oħra, il-każin ikollu bżonn ta' manutenzjoni u li jiġi mgħammar b'dak kollu li jkun meħtieġ biex ikun jista' jaqdi l-iskop li għalih ġie mwaqqaf. Insibu li matul l-1926 inxtara billiard, pjanu u mobbli oħra. Sar ukoll it-taraġ li nkesa bl-irħam. Nhar it-2 ta' Frar 1927, fuq stedina tal-President, żewġ parlamentari Ingliżi, l-Hon. J. Dennison u l-Hon. S. Cohen, għamlu żjara lill-każin. Il-President Arturo



**Arturo Mifsud**

laqagħhom fil-bieb ma' xi membri u soċji. Waqt riċeviment il-President għamlilhom diskors ta' merħba u apprezzament għaż-żjara tagħhom.[17]

Il-għan tiegħu bħala President, Arturo, kien li jagħmel is-Soċjetà tagħna dejjem attiva u li tkun aktar magħrufa. Għamel ħiltu wkoll biex il-Banda tibda tieħu sehem fil-ġranet tal-karnival. Fil-fatt bdiet tieħu sehem fil-kompetizzjonijiet kemm fil-karrijiet armati u kemm fil-kostumi. Fl-1926 u fl-1928 irnexxielha tirbaħ it-tieni premju. Iċ-ċertifikati ta' dawn il-konkorsi għadhom jidhru fil-każin. Wara li l-Banda Nazzjonali La Valette rebħet il-konkors ta' Como, il-President u l-Kumitat għamlu stedina lill-Banda La Valette biex tiċċelebra r-rebħa billi tiġi tagħmel programm fix-Xatt. Il-programm mużikali sar nhar it-30 ta' Ottubru 1927 u kien suċċess kbir. Dakinhar il-bandiera tas-Soċjetà Filarmonica La Valette perpret fuq l-arblu, fuq il-bejt tal-kazin, minn filgħodu sa filgħaxija.[18]

Il-President Arturo Mifsud dejjem kellu għal qalbu l-attivitajiet soċjali fil-każin. Huwa nkuraġġixxa li jibdew isiru xi reċti teatrali fil-bitħa tal-każin. Il-bitħa l-kbira malajr inbidlet f'"Teatro Sliema". Dawn il-programmi teatrali bdew isiru f'Ġunju 1927 u baqgħu isiru sal-1939.[19] Il-Presidenza ta' Arturo Mifsud ġiet fi tmiemha nhar it-22 ta' Lulju 1928. Dakinhar saret is-Seduta Ġenerali li fiha ġie elett President ġdid. Dan kien il-Prokuratur Legali, is-sur Albert W. Mizzi M.L.A.,[20] li fuqu nitkellmu darb'oħra.

Meta temm il-ħatra tiegħu bħala President tas-Soċjetà tagħna, Arturo Mifsud kien diġà irtira mix-xena politika. Fl-1932 huwa ppubblika xi poeziji f'żewġ kotba żgħar.

Kellu wkoll il-ħsieb li jippubblika "Dizzjunarju Raġunat" – Ingliż – Malti – Taljan. Kurjuż ħafna l-fatt li ma' dan l-avviż deher l-indirizz tiegħu Alexandria House, 48 Triq Maitland, Ħamrun.[21] Iżda nafu wkoll li sal-1939 kien għadu joqgħod Tas-Sliema fi Prince of Wales Road, (illum Triq Manwel Dimech) għax ir-reġistru elettorali ta' dik is-sena jindika li kien joqgħod f'Tas-Sliema.[22] Jidher li f'din l-istess sena siefer lejn l-Italja fejn baqa' hemm sa mewtu.[23] Meta ġie f'idejja ċ-ċertifikat tal-magħmudija tiegħu kelli sorpriża kbira li ma kontx nistenna. F'dan iċ-ċertifikat hemm miktub li Arturo Mifsud, nhar id-29 ta' Ġunju 1952, ġie ordnat saċerdot f'Ruma minn Mons. Isqof ta' Fiesole, Giovanni Giorgis. Huwa kellu 57 sena.[24] Jidher li s-sejħa tal-Mulej, li ħass f'żgħożitu baqgħet tħeġġeġ f'qalbu. Għandi nifhem li, la darba kien miżżewweġ, dan il-pass seta' jwettqu biss wara l-mewt ta' martu Enrichetta. Hawn min jgħid li sal-1972 kien għadu ħaj. B'dispjaċir kbir, fl-istorja ta' pajjiżna għadha ma tidhirx il-ġurnata tal-mewt tiegħu.

Minn dan il-ftit ħjiel rajna l-kapaċità u r-rieda shiħa li kellu biex iseddaq is-Soċjetà Filarmonika SLIEMA. Fi żmienu l-Banda tagħna ħadet spinta 'l quddiem bin-numru kbir ta' stediniet li kellha biex iddoqq barra minn Tas-Sliema. Sieħeb fis-Soċjetà personalitajiet magħrufa ma' Malta kollha. B'hekk taha serjetà u prestiġju kbir. Il-ħidma wtieqa tiegħu wriet impenn, u suċċess. Ir-ritratt tiegħu fis-sala prinċipali tal-kazin ifakkarna fil-presidenza tiegħu li matulha s-Soċjetà tagħna setgħet timxi 'l quddiem fl-oqsma li għalihom ġiet imwaqqfa, kemm soċjali u kemm mużikali.

**REFERENZI**


1. Winston L. Zammit u P. Raniero Zammit OFM.Cap. 1993: Is-Soċjetà Filarmonika SLIEMA, p. 23.
2. Arkiv.Parr.Tarxien: Liber Bapt. Vol. VIII, p. 439.
3. Arkiv.Parr.Tagħna: Liber matrimoniorum Vol. I, p. 153, Nro. 296.
4. Francis Galea: Mexxejja, Ħassieba u Deputati Laburisti 1920–2000, p. 160.
5. Karmenu Ellul Galea: It-Trejdjunjoniżmu f'Malta, Vol. III, p. 205, 390.
6. Michael J. Schiavone 1997, Maltese Biographies of the Twentieth Century, p. 404.
7. Michael J. Schiavone: Elezzjonijiet f'Malta 1849–1992, p. 77.
8. Arkiv.Parr.Tagħna, Opus Cit.
9. Francis Galea, Opus Cit., p. 161.
10. Michael J. Schiavone: Elezzjonijiet Opus Cit., p. 94.
11. Id., Ibid., p. 112.
12. Michael J. Schiavone: Maltese Biographies Opus Cit., p. 405.
13. Winston L. Zammit u P. Raniero Opus Cit., pp. 24–26.
14. Id., Ibid., p. 40.
15. Id., Ibid., p. 33.
16. Id., Ibid., p. 38.
17. Id., Ibid., pp. 27, 28.
18. Id., Ibid., p. 43.
19. Id., Ibid., pp 45, 53.
20. Id., Ibid., p. 23.
21. Francis Galea: Opus Cit., p. 161.
22. Tagħrif mogħti lill-awtur mis-Sur Francis Galea.
23. Tagħrif mogħti lill-awtur minn Mro. Michael A. Zammit.
24. Arkiv.Parr.Tarxien, Opus Cit.



STIVALA
(Wines & Spirits)

*Agents for* **Simonds Farsons Cisk**

**Tal-Ibraġġ Road, St. Andrews**

**Tel: 374694 - 342485 Fax: 374695**

*Suppliers of all kinds of:*

SPIRITS, WINES, BEERS, SOFT DRINKS,
MINERAL WATER & OTHER BAR ACCESSORIES

**FREE DELIVERY**

Opening Hours: Mon to Fri 9.00a.m. – 7.00p.m.
Sat 9.00a.m. – 1.00p.m.; 2.00p.m. – 7.00p.m.